Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/114/KE**

ta' l-20 ta' Diċembru 2001

rigward ċertu ħalib ippriservat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem

(ĠU L 15, 17.1.2002, p. 19)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Direttiva tal-Kunsill 2007/61/KE tas-26 ta' Settembru 2007	L 258	27	4.10.2007

Emendata minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/114/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2001

rigward ċertu ħalib ippriservat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 miġub fih,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi:

(1) Ċerti Direttivi vertikali rigward l-affarijiet ta' l-ikel għandhom ikun simplifikati biex jikkunsidraw biss il-ħtiġijiet essenzjali li għandhom jitħarsu mill-prodotti li jkopru biex jippermettu dawk il-prodotti li jimxu bla tixkil fis-suq intern, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li sar f'Edinburgh fil-11 u t-12 ta' Diċembru 1992, kif ikkonfermat minn dawk tal-Kunsill Ewropew fl-10 u l-11 ta' Diċembru 1993.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/118/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ċertu ħalib ippriservat imnixxef in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem ([4]) kien ġustifikat bil-fatt li d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar il-ħalib ippriservat jistgħu jirriżultaw f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta li x'aktarx tqarraq bil-konsumaturi, u b'hekk ikollha effett dirett fuq it-twaqqif u l-funzjoni tas-suq komuni.

(3) Id-Direttiva 76/118/KEE kienet bħala konsegwenza ddisinjata biex tniżżel id-definizzjonijiet u r-regoli komuni li jirregolaw il-komposizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattura u t-tikkettjar ta' ċertu ħalib ippriservat, biex tiżgura l-moviment ħieles tiegħu ġewwa l-Komunità.

(4) Id-Direttiva 76/118/KEE għandha tinġieb parallela mal-liġijiet ġenerali tal-Komunità dwar l-affarijiet ta' l-ikel, b' mod partikolari l-liġijiet fuq l-ittikkettjar, l-addittivi awtorizzati, l-iġjene u r-regoli tas-saħħa mniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE ([5]).

(5) Għall-ġieħ tal-kjarezza, id-Direttiva 76/118/KEE għandha tiġi abbozzata mill-ġdid sabiex ir-regoli fuq il-kondizzjonijiet tal-produzzjoni u l-promozzjoni ta' ċertu ħalib ippriservat imnixxef in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem isiru aktar aċċessibbli.

(6) Ir-regoli ġenerali ta' l-ittikkettjar ta' l-ikel imniżżla fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([6]) għandhom jgħoddu suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet.

([1]) ĠU C 231, tad-9.8.1996, p. 20.
([2]) ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p. 95.
([3]) ĠU C 56, ta' l-24.2.1997, p. 20.
([4]) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 49. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994
([5]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 94/71/KE (ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 33).
([6]) ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.

▼B

(7) Suġġetta għad-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE ta' l-24 ta' Settembru 1990 fuq l-ittikkettjar għall-affarijiet ta' l-ikel ([1]), iż-żieda ta' vitamini lill-prodotti ddefiniti f'din id-Direttiva hija awtorizzata f'ċerti Stati Membri. Iżda, l-ebda deċiżjoni ma tista' tittieħed biex testendi din l-awtorizzazzjoni għall-Komunità kollha. L-Istati Membri huma għalhekk ħielsa li jawtorizzaw jew jipprojbixxu ż-żieda tal-vitamini lill-prodotti nazzjonali tagħhom għalkemm il-moviment ħieles ta' l-oġġetti ġewwa l-Komunità, f'kull każ, għandu jkun garantit skond ir-regoli u l-prinċipji li joħorġu mit-Trattat.

(8) Għall-prodotti maħsuba għat-trabi, tgħodd id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE ta' l-14 ta' Mejju 1991 dwar il-formuli tat-trabi u l-formuli ta' wara ([2]).

(9) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mwaqqfa bl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għan li jitniżżlu d-definizzjonijiet u r-regoli komuni għall-prodotti kkonċernati u li jinġiebu d-dispożizzjonijiet paralleli mal-liġijiet ġenerali tal-Komunità fuq l-affarijiet ta' l-ikel ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u, minħabba n-natura ta' din id-Direttiva, jista' jintlaħaq aħjar mill-Komunità. Din id-Direttiva ma tmurx iżjed milli hemm bżonn sabiex jintlaħaq dan il-għan.

(10) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eserċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([3]).

(11) Biex jevitaw li joħolqu barrieri ġodda għall-moviment liberu, l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jadottaw, għall-prodotti in kwestjoni, id-dispożizzjonijiet nazzjonali mhux imsemmija f'din id-Direttiva,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-ħalib ippriservat imnixxef in parti jew kollu mill-ilma ddefinit fl-Anness I.

▼M1

———————

▼B

Artikolu 3

Id-Direttiva 2000/13/KE għandha tgħodd għall-prodotti definiti fl-Anness I, suġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin.

1. (a) l-ismijiet tal-prodotti mniżżla fl-Anness I għandhom japplikaw biss għall-prodotti riferiti hemmhekk u, mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), jintużaw biex jiddesinjawhom fil-kummerċ;

   (b) bħala alternattiva ta' l-ismijiet tal-prodotti riferiti fis-subparagrafu (a), l-Anness II jipprovdi lista ta' desinjazzjonijiet partikolari. Dawn id-desinjazzjonijiet jistgħu jintużaw fil-lingwa u taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness II.

([1]) ĠU L 276, tas-6.10.1990, p. 40.
([2]) ĠU L 175, ta' l-4.7.1991, p. 35. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 1999/50/KE (ĠU L 139, tat-2.6.1999, p. 29).
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23

▼B

2. It-tikketta trid turi l-perċentwali tax-xaħam tal-ħalib, espress bit-toqol imqabbel mal-prodott lest, ħlief fil-każ tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I(1)(d) u (ġ) u l-Anness I(2)(d), u l-perċentwali ta' l-estratt tal-ħalib imnixxef mingħajr xaħam fil-każ tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I(1). Dawn il-partikolari għandhom jidhru ħdejn l-isem tal-kummerċ.

3. Fil-każ tal-prodotti definiti fl-Anness I(2), it-tikketta trid turi r-rakkomandazzjonijiet dwar il-metodu tad-diluzzjoni jew ir-rikostituzzjoni, inklużi d-dettalji tal-kontenut tax-xaħam tal-prodott li hekk huma maħlul jew rikostitwit.

4. Fejn il-prodotti li jiżnu inqas minn 20 g kull unità huma ppakkjati f'imballeġġjar minn barra, il-partikolari mitluba minn dan l-Artikolu għandhom jidhru biss fuq l-imballeġġjar ta' barra, ħlief għal dik id-desinjazzjoni meħtieġa minn punt 1 (a).

5. L-ittikkettjar tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I(2) għandu juri li l-prodott "mhux maħsub bħala ikel għal tfal żgħar taħt it-12-il xahar".

Artikolu 4

Għall-prodotti ddefiniti fl-Annessi I u II, l-Istati Membri ma għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali li mhumiex imniżżla f'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva rigward l-affari riferiti hawn taħt ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja riferita fl-Artikolu 6(2):

— li ġġib din id-Direttiva parallela mal-liġijiet ġenerali tal-Komunità dwar l-affarijiet ta' l-ikel,

— adattazzjoni għall-progress tekniku.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet ta' l-Ikel (minn issa 'l quddiem riferut bħala "l-Kumitat") imwaqqaf bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 69/414/KEE ([1]).

2. Fejn tintgħamel riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KEFA.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandujadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 7

Id-Direttiva 76/118/KEE hija hawnhekk imħassra b'effett mis-17 ta' Lulju 2003.

Ir-riferenzi għad-Direttiva mħassra jitqiesu bħala riferenzi għal din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

▼B

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva qabel is-17 ta' Lulju 2003. Għandhom javżaw minnufiħ lill-Kummissjoni dwar dan.

Il-miżuri japplikaw biex:

— jawtorizzaw il-promozzjoni tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I jekk iħarsu d-definizzjonijiet u r-regoli mniżżla f'din id-Direttiva, b'effett mis-17 ta' Lulju 2003,

— jipprojbixxu l-promozzjoni tal-prodotti li jonqsu milli jimxu ma' din id-Direttiva, b'effett mis-17 ta' Lulju 2004.

Iżda, il-promozzjoni tal-prodotti li jonqsu li jimxu ma' din id-Direttiva imma kienu ttikkettjati qabel is-17 ta' Lulju 2004 skond id-Direttiva 76/118/KEE għandhom ikunu permessi sakemm il-ħażniet jispiċċaw.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati bl-imsemmija riferenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adotta mill-Istati Membri.

Artikolu 9

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

ID-DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI U L-ISMIJIET TAL-PRODOTTI

1. Ħalib imnixxef minn parti mill-ilma

▼M1

Dan ifisser li l-prodott likwidu, kemm jekk magħmul ħelu jew le, miksub bit-tneħħija parzjali ta' l-ilma mill-ħalib, minn ħalib xkumat in parti jew kollu jew minn taħlita ta' dawn il-prodotti, li jista' jkollhom taħlita miżjuda ta' krema jew ta' ħalib imnixxef kollu mill-ilma jew tat-tnejn, iż-żieda tal-ħalib imnixxef kollu mill-ilma ma taqbiżx, fil-prodotti lesti, 25 % tas-solidi totali tal-ħalib.

▼B

— Tipi ta' ħalib tal-bott mhux ħelu

(a) Ħalib tal-bott b'xaħam għoli

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma li fih, bit-toqol, mhux inqas minn 15 % ta' xaħam, u mhux inqas minn 26,5 % ta' solidi totali tal-ħalib.

(b) Ħalib tal-bott

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma li fih, bit-toqol, mhux inqas minn 7,5 % ta' xaħam, u mhux inqas minn 25 % ta' solidi totali tal-ħalib.

(ċ) Ħalib tal-bott, parzjalment xkumat

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma li fih, bħala toqol, mhux inqas minn 1 % u inqas minn 7,5 % xaħam, u mhux inqas minn 20 % ta' solidi totali tal-ħalib.

(d) Ħalib tal-bott xkumat

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma li fih, bħala toqol, mhux aktar minn 1 % ta' xaħam u mhux inqas minn 20 % ta' solidi totali tal-ħalib.

— Tipi ta' ħalib tal-bott magħmul ħelu

(e) Ħalib tal-bott magħmul ħelu

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma b'taħlita miżjuda ta' zokkor tal-kannamieli (zokkor nofsu abjad, zokkor abjad jew zokkor abjad ħafna) u li jkun fih, bħala toqol, mhux inqas minn 8 % ta' xaħam u mhux inqas minn 28 % tas-solidi totali tal-ħalib.

(f) Ħalib tal-bott, parzjalment xkumat magħmul ħelu

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma b'taħlita miżjuda ta' zokkor tal-kannamieli (zokkor nofsu abjad, zokkor abjad jew zokkor abjad ħafna) u li jkun fih, bħala toqol, mhux inqas minn 1 % u inqas minn 8 % ta' xaħam, u mhux inqas minn 24 % tas-solidi totali tal-ħalib.

(g) Ħalib tal-bott xkumat magħmul ħelu

Ħalib imnixxef in parti mill-ilma b'taħlita miżjuda ta' zokkor tal-kannamieli (zokkor nofsu abjad, zokkor abjad jew zokkor abjad ħafna) u li jkun fih, bħala toqol, mhux aktar minn 1 % ta' xaħam u mhux inqas minn 24 % tas-solidi totali tal-ħalib.

2. Ħalib imnixxef kollu mill-ilma

▼M1

Dan ifisser il-prodott solidu, fejn il-kontenut ta' l-ilma ma jaqbiżx 5 % bl-użin tal-prodott lest, miksub bit-tneħħija ta' l-ilma mill-ħalib, minn ħalib xkumat kollu jew in parti, minn krema jew minn taħlita ta' dawn il-prodotti.

▼B

(a) Ħalib imnixxef b'xaħam għoli jew trab tal-ħalib b'xaħam għoli

Ħalib imnixxef li fih, bħala toqol, mhux inqas minn 42 % xaħam.

(b) Ħalib sħiħ imnixxef jew trab tal-ħalib sħiħ

Ħalib imnixxef li fih, bħala toqol, mhux inqas minn 26 % u inqas minn 42 % xaħam.

▼B

(ċ) Ħalib imnixxef xkumat in parti jew trab tal-ħalib xkumat in parti

Ħalib imnixxef b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 1,5 % u inqas minn 26 % bħala toqol.

(d) Ħalib imnixxef xkumat jew trab tal-ħalib xkumat

Ħalib imnixxef li fih, bħala toqol, mhux aktar minn 1,5 % xaħam.

3. Trattamenti

(a) Kwantità addizzjonali tal-ħalib mhux aktar minn 0,03 % bħala toqol tal-prodott lest hija awtorizzata għall-manifattura tal-prodotti ddefiniti f'1(e) sa (ġ).

(b) ►M1 Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [1], għandha tinkiseb il-preservazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafi 1 u 2: ◄

— bit-trattament tas-sħana (sterilizzazzjoni, UHT, eċċ.), għall-prodotti riferiti f'1(a) sa (d),

— biż-żieda taz-zokkor tal-kannamieli, għall-prodotti riferiti f'1(e) sa (ġ),

— billi jkunu mnixxfa mill-ilma, għall-prodotti rriferiti fi 2.

▼M1

(c) Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' kompożizzjoni tal-punti 1 u 2 ta' dan l-Anness il-kontenut ta' proteina tal-ħalib jista' jiġi aġġustat għal kontenut minimu ta' 34 % bl-użin (espress fuq materjal niexef bla xaħam), biż-żieda u/jew bit-tneħħija ta' kostitwenti tal-ħalib b'tali mod li ma jinbidilx il-proporzjon bejn il-proteini tax-xorrox u l-kaseina tal-ħalib li jkun qed jiġi aġġustat.

4. Żidiet awtorizzati u materji primi

(a) Vitamini u minerali skond ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel [2].

(b) Il-materji primi awtorizzati għal finijiet ta' l-aġġustament tal-proteini msemmija fil-punt 3(ċ) għandhom ikunu kif ġej:

(i) Retentat tal-ħalib

Ir-retentat tal-ħalib huwa l-prodott miksub bill-konċentrazzjoni tal-proteini tal-ħalib permezz ta' ultra-filtrazzjoni tal-ħalib, ta' ħalib parzjalment xkumat, jew ta' ħalib xkumat;

(ii) Permeat tal-ħalib

Il-permeat tal-ħalib huwa l-prodott miksub bit-tneħħija tal-proteini tal-ħalib u tax-xaħam tal-ħalib minn ħalib, ħalib parzjalment xkumat, jew ħalib xkumant permezz ta' ultra-filtrazzjoni; u

(iii) Lattosju

Il-lattosju huwa kostitwent naturali tal-ħalib normalment miksub mix-xorrox li b'kontenut ta' lattosju anidruż ta' mhux anqas minn 99,0 % m/m fuq bażi niexfa. Huwa jista' jkun anidruż jew ikun fih molekula waħda ta' ilma ta' kristallizzazzjoni jew ikun taħlita taż-żewġ forom.

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Korrett mill-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.
[2] ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

▼B

L-ANNESS II

DESINJAZZJONIJIET PARTIKOLARI GĦAL ĊERTI PRODOTTI MNIŻŻLA FL-ANNESS I

(a) It-terminu Ingliż " evaporated milk" ifisser il-prodott iddefinit fl-Anness I(1) (b) li fih, bħala toqol, mill-inqas 9 % xaħam u 31 % ta' solidi totali tal-ħalib.

(b) It-termini Franċiżi "lait demi-écrémé concentré" u "lait demi-écrémé concentré non sucré", it-terminu Spanjol "leche evaporada semidesnatada", it-termini Olandiżi "geëvaporeerde halfvolle melk" jew "halfvolle koffiemelk" u t-terminu Ingliż "evaporated semi-skimmed milk" ifissru l-prodott iddefinit fl-Anness I(1)(ċ) li fih, bħala toqol, bejn 4 % u 4,5 % xaħam u mhux inqas minn 24 % ta' solidi totali.

(ċ) It-terminu Daniż "kondenseret kaffefløde" u t-terminu Ġermaniż "kondensierte Kaffeesahne" ifissru l-prodott iddefinit fl-Anness I(1)(a).

(d) It-terminu Daniż "flødepulver", it-termini Ġermaniżi "Rahmpulver" u "Sahnepulver", it-terminu Franċiż "crème en poudre", it-terminu Olandiż "roompoeder", it-termini Svediża "gräddpulver" u t-terminu Fillandiż "kermajauhe" ifissru l-prodott iddefinit fl-Anness I(2)(a).

(e) It-terminu Franċiż "lait demi-écrémé concentré sucré", it-terminu Spanjol "leche condensada semidesnatada" u t-terminu Olandiż "gecondenseerde halfvolle melk met suiker" ifissru l-prodott iddefinit fl-Anness I(1)(f) li fih, bħala toqol, bejn 4 % u 4,5 % xaħam u mhux inqas minn 28 % ta' solidi totali tal-ħalib.

(f) It-terminu Franċiż "lait demi-écrémé en poudre", it-terminu Olandiż "halfvolle melkpoeder" u t-termini Ingliża "semi-skimmed milk powder" jew "dried semi-skimmed milk" ifissru l-prodott iddefinit fl-Anness I(2)(ċ) b'kontenut ta' xaħam ta' bejn 14 % u 16 %.

(g) It-terminu Portugiż "leite em pó meio gordo" tfisser il-prodott iddefinit fl-Anness I(2)(ċ) b'kontenut ta' xaħam ta' bejn 13 % u 26 %.

(h) (għ) It-terminu Olandiż "koffiemelk" tfisser il-prodott iddefinit fl-Anness I(1) (b).

(h) It-termini Fillandiża "rasvaton maitojauhe" tfisser il-prodott iddefinit fl-Anness 1(2)(d).

(i) It-termini Spanjola "leche en polvo semidesnatada" tfisser il-prodott iddefinit fl-Anness I(2)(ċ) b'kontenut tax-xaħam ta' bejn 10 % u 16 %.

▼A1

(k) It-terminu Malti "Ħalib evaporat" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(b).

(l) It-terminu Malti "Ħalib evaporat b'kontenut baxx ta' xaħam" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(ċ).

(m) It-terminu Eston "koorepulber" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(2)(a).

(n) It-terminu Eston "piimapulber" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(2)(b).

(o) It-terminu Eston "väherasvane kondenspiim" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(ċ).

(p) It-terminu Eston "magustatud väherasvane kondenspiim" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(f)

(q) It-terminu Eston "väherasvane piimapulber" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(2)(ċ).

(r) It-terminu Ċek "zahuštěná neslazená smetana"ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(a).

(s) It-terminu Ċek "zahuštěné neslazené plnotučné mléko" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(b).

(t) It-terminu Ċek "zahuštěné neslazené polotučné mléko" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(ċ) b'kontenut, bil-piż, ta' bejn 4 % u 4,5 % xaħam.

(u) It-terminu Ċek "zahuštěné slazené plnotučné mléko" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(e).

(v) It-terminu Ċek "zahuštěné slazené polotučné mléko" ifisser il-prodott definit fl-Anness I(1)(f) b'kontenut, bil-piż, ta' bejn 4 % u 4,5 % xaħam.

▼A1

(w) It-terminu Ċek “sušená smetana” ifisser il-prodott definit fl-Anness I(2)(a).

(x) It-terminu Ċek “zahuštěné slazené polotučné mléko” ifisser il-prodott definit fl-Anness I(2)(ċ) b'kontenut, bil-piż, ta' bejn 14 % u 16 % xaħam.